TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/181/19/S

Salvino Bugeja

Vs

Josmar Borg

Illum 15 t'Ottubru,2020.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Salvino Bugeja pprezentata fil-21 ta'Dicembru,2019 filwaqt li Josmar Borg, ghalkemm debitament notifikat, baqa' la pprezenta risposta u lanqas deher quddiem dan it-Tribunal;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lir-rikorrenti;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda vettura 'second-hand' mixtrija minghand l-intimat. Skond ir-rikorrent, din ma kelliex 'airconditioning' ghalkemm din kienet kundizzjoni ghalxiex ried jixtri l-vettura. Ghalkemm l-intimat weghed lir-rikorrent li kien se jibdillu l-vettura b'ohra, dan baqa' ma sehhx;

Illi jinghad mal-ewwel li l-intimat naqas milli jwiegeb ghat-talba rikorrenti u lanqas deher ghas-seduti li saru;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik rikorrenti li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mill-intimat;

Illi n-nuqqas ta' dehra tal-intimat ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti spjega kif wasal ghat-talba mitluba u pprezenta d-dokumentazzjoni relattiva;

Illi min-naha l-ohra l-intimat ma deherx biex jitfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex jaghti l-verzjoni tieghu;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Salvino Bugeja u Jordna lil Josmar Borg ihallas lil Salvino Bugeja is-somma ta' €2580.00 kif konfermata bid-dokumentazzjoni pprezentata, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-intimat Josmar Borg.

Richard Sladden Av.
Arbitru